MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 446/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joanne Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joanne Darmanin talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar l-1 ta' Awissu, 7 ta' Awissu u nhar-il 11 ta' Awissu 2010 meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Carmel Darmanin ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2010 li permezz

taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(ll), 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmija Joanne Darmanin hatja u kkundannatha gimaghtejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joanne Darmanin pprezentat fil-21 ta’ Ottubru 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberaha minn kull htija u piena, jew fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju tvarja s-sentenza appellata billi tirriduci l-piena nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hi nulla ghax kif jirrizulta mill-komparixxi esebita mar-rikors ta’ appell is-sentenza tghid biss il-kliem “Gimaghtejn detenzjoni”; (2) li meta l-ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza hija kkundannat lill-appellanti gimaghtejn detenzjoni fuq iz-zewg kawzi (appell nru. 446/10 u appell nru. 447/10) mentri mill-komparixxi ta’ dawn iz-zewg appelli jidher li hija giet ikkundannata gimaghtejn detenzjoni fuq kull kaz; (3) li n-nuqqas li taghti access kien ghal raguni valida; (4) li l-piena hi eccessiva.

Kwantu ghall-ewwel aggravju huwa minnu li fil-komparixxi li taghha nghatat kopja l-appellanti hemm miktubin *di proprio pugno* mill-Magistrat sedenti l-kliem “Gimaghtejn detenzjoni”, imbaghad hemm il-firma tieghu u d-data. Fil-komparixxi a fol. 1 tal-process jidher li gew inseriti wkoll permezz ta’ timbru l-kliem “Il-Qorti: Rat l-imputazzjonijiet: Rat id-dokumenti: Semghet il-provi: Rat l-artikoli indikati.” A fol. 62 – 63 imbaghad hemm is-sentenza shiha dattilografata u li tinsab iffirmata mill-istess Magistrat. Evidentement din is-sentenza dattilografata tirrapprezenta dak li gie deciz fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2010, wara li l-ewwel Qorti kienet semghet il-provi u ezaminat id-

dokumenti esibiti – u li ma tikkontrastax ma’ dak li hemm fuq il-komparixxi. Is-sentenza dattilografata tikkontjeni l-elementi kollha rikjesti mill-imsemmi artikolu 382. U, wara kollox, anke minn ezami tal-komparixxi jirrizulta li hemm il-fatti li taghhom l-appellant gie misjub hati – l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu – hemm l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat hemm imsemmi – art. 338(ll) u 18 tal-Kap. 9 – u hemm ukoll il-piena li l-ewwel Qorti dehrilha li kellha taghti – kif miktuba mill-Magistrat sedenti. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellanti m’ghandhiex ragun peress illi fiz-zewg kawzi l-Magistrat sedenti kiteb il-kliem “Gimaghtejn  detenzjoni” *di proprio pugno*. Kieku kellu jkun mod iehor kien jikteb “Gimgha detenzjoni” f’kull kaz. Ghalhekk anke t-tieni aggravju huwa michud.

It-tielet aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti semghet dak li kellhom xi jghidu l-partijiet u ezaminat id-dokumenti esibiti u ma tarax illi gie ppruvat ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti li kienet tezisti raguni xierqa biex ma jkunx hemm access. Per ezempju li t-tfal ma ridux imorru (ara affidavit ta’ P.S. 1495 J. Muscat a fol. 50) mhix meqjusa bhala raguni xierqa (ara, fost ohrajn, l-appell kriminali **Il-Pulizija v. Natasha Theuma** deciz fit-8 ta’ Gunju 2007). Naturalment din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni ta’ l-appellanti fejn ikun hemm allegazzjonijiet ta’ vjolenza u li dawn l-allegazzjonijiet wasslu biex jigi ordnat li l-access ikun taht supervizjoni. Mill-banda l-ohra jidher illi l-appellanti u zewgha, anke wara li l-Agenzija APPOGG ma setghetx, minhabba problema ta’ rizorsi umani, tipprovdi supervizjoni kull darba li jkun hemm l-access, waslu ghal *modus vivendi* billi qieghed ikun hemm access anke mhux taht is-supervizjoni ta’ *social worker* izda fil-prezenza ta’ l-appellanti, u dan fl-interess ta’ l-istess tfal. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, u anke fid-dawl tal-fatt li r-ragel ta’ l-appellanti ma jqisx dan mehtieg – u hawn din il-Qorti tirreferi ghall-ahhar aggravju – mhijiex idoneja piena restrittiva tal-liberta`.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha kwantu ghall-htija izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghall-piena ta' gimaghtejn detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien tliet xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-appellanti bi kliem li jiftiehem sewwa li jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------